**25 ta' Lulju, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

**Il-Pulizija**

***versus***

**Nadine Busuttil**

## Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104)

*Fil-prassi ta' l-assigurazjoni tal-vetturi bil-mutur f'Malta* authorised driver *dejjem gie ritenut li trid tkun persuna li (i) jew għandha,*

*liċenzja tas-sewqan, jew (ii) li kellha liċenzja tas-sewqan u mhix skwalifikata milli jkollha jew tikseb tali liċenzja. Persuna li qatt ma kellha liċenzja tas-sewqan hi persuna li mhix koperta għall-finijiet ta' l-artikolu 3 (1) tal-Kap. 104.*

*It-traskuraġni ta' dak li jkun jew l-injoranza tiegħu tal-liġi f'materja penali ma tistax titqies bħala raġuni speċjali ai termini ta' l-artikolu 3 (2A) tal-Kap. 104.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra Nadine Busuttil talli fid-29 ta' Ġunju, 1996 għall-ħabta tas-6.00 p.m. f'Birkirkara Road, kantuniera ma' Naxxar Road, San Ġwann, *(1) saqet vettura numru AAA853 mingħajr ma* kellha liċenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija taħt il-Kategorija "B" jew mingħajr liċenzja speċifikata għal dik il-vettura; u (2) b'hekk ma kinitx koperta b'polza tas-sigurta' jew garanzija dwar ir-riskji tat-terzi persuni; il-prosekuzzjoni kienet talba lill-Ewwel Qorti sabiex tiskwalifika lill-imsemmija Busuttil milli tikseb jew ikollha liċenzja tas-sewqan għal perijodu ta' mhux anqas minn tnax-il xahar;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) *tas*-17 ta' Ottubru, 1996 li biha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Nadine Busuttil ħatja skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tagħha, ikkundannata għal multa ta' mitejn u ħamsin lira (Lm250) u skwalifikata għal tnax-il xahar mil-liċenzja tas-sewqan;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmija Nadine Busuttil, minnha pprezentat fl-24 ta' Ottubru, 1996, li bih talbet ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza jew, alternattivament, ir-riforma tagħha kwantu għall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Illi l-aggravju ta' l-appellanti hu wiehed sempliċi - minkejja x-xmara ta' kliem żejjed u argumenti ripetuti li hemm f'dan ir-rikors ta' appell - u ċjoe` li hi ma kellhiex tinsab hatja skond l-imputazzjonijiet peress li fid-29 ta' Ġunju, 1996 hi kienet diġa` ghaddiet mid-*driving test*; li kien ġara kien li hi naqset milli tmur thallas il-miżata biex tinhargilha l-liċenzja tas-sewqan, liċenzja li effettivament inharġet fl-4 ta' Lulju, 1996;

Dwar il-fatti ma hemmx kontestazzjoni. L-appellanti ghaddiet mit-test tas-sewqan fis-7 ta' Lulju, 1995. Minhabba traskuraġni jew ghal xi raġuni ohra, li pero` hi rrelevanti ghall-fini tal-punt legali in eżami, din baqghet ma marret qatt biex teffettwa l-hlas ta' tnax-il lira (Lm12) sabiex tinharġilha l-liċenzja. Din il-liċenzja nharġitilha biss fl-4 ta' Lulju, 1996, l-istess ġurnata li hallset it-tnax-il lira. Fid-29 ta' Ġunju, 1996 l-appellanti kienet involuta f'inċident tat-traffiku f'San Ġwann;

Issa, ma hemmx dubbju li skond il-liġi pre-rekwizit importanti ghall-hruġ tal-liċenzja tas-sewqan huma li persuna tkun meqjusa bhala li "taf tajjeb ir-regolamenti relevanti dwar vetturi bil-mutur" u tkun *driver kompetenti* (ara r-regolament 50 (2) tar-Regolamenti ta' l-1994 dwar Vetturi bil-Mutur [A.L.128/ 1994]). L-iskop ta' l-eżami tas-sewqan huwa proprju sabiex jiġu stabbiliti dawn iż-żewġ pre-rekwiżiti u jkun jista' jinhareġ iċ-ċertifikat ta' kapaċita` fis-sewqan imsemmi fir-regolament 49. Pero` jirriżulta ċar minn qari akkurat tal-liġi li hija biss il-liċenzja mahruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija li tawtorizza lil dak li jkun li jsuq vettura bil-mutur. Infatti, l-paragrafu (2) tar-regolament 50 ta' l-A.L. 128/94 jaghmilha ċara li:

"Ebda persuna ma ghandha ssuq *private car* ... minghajr

liċenzja mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija ... Din il-liċenzja ma tiġi mogħtija jew imġedda lil ebda persuna kemm-il darba ma jkollhiex aktar minn 18-il sena u fil-fehma tal-Kummissarju tal-Pulizija, ma tkunx ta' kondotta tajba, ma tkunx taf tajjeb ir-regolamenti relevanti dwar vetturi bil-mutur u ma tkunx *driver* kompetenti ...";

Id-distinzjoni bejn l-eżami tas-sewqan (li jista' jwassal għaċ-ċertifikat ta' kapaċita` fis-sewqan imsemmi) u l-liċenzja toħroġ ukoll mir-regolament 51 ta' l-imsemmija regolamenti, li jipprovdi li liċenzja tas-sewqan tingħata "wara li ssir talba fuq il-formula apposta u magħha jintbagħtu ċ-ċertifikati tat-twelid, tat-tabib u tal-kondotta lill-Kummissarju tal-Pulizija jew lill-Awtorita` tat-Trasport Pubbliku, skond il-każ". L-artikolu 15 (1) (a) tal-Kap. 65 jirreferi b'mod ċar għal-liċenzja tas-sewqan u mhux għal xi ħaġa li tippreċedi tali liċenzja jew li hi presuppost għall-ħruġ tagħha;

Pero` l-aktar fatt inkwetanti hu li fil-ġurnata ta' l-inċident, ċjoe` fid-29 ta' Ġunju, 1996, l-appellant, minħabba l-fatt li ma kellhiex liċenzja tas-sewqan anqas ma kienet koperta b'polza tas-sigurta` skond il-Kap. 104. Kif din il-Qorti kellha okkażjoni li tosserva fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Diċembru, 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs* John Cilia**, fil-prassi ta' l-assigurazzjoni tal-vetturi bil-mutur f'Malta *authorised driver* dejjem ġie ritenut li trid tkun persuna li (i) jew għandha liċenzja tas-sewqan, jew (ii) li kellha liċenzja tas-sewqan u mhix skwalifikata milli jkollha jew tikseb tali liċenzja. Persuna li qatt ma kellha liċenzja tas-sewqan (bħalma kienet l-appellanti fil-ġurnata ta' l-inċident) hi persuna li mhix koperta għall-finijiet ta' l-artikolu 3 (1) tal-Kap. 104;

Din il-Qorti ma taħsibx li għandha għalfejn tissottolinea l-gravita` tal-fatt ta' sewqan mingħajr id-debita kopertura ta' l-

assigurazzjoni. Fiċ-ċirkostanzi, għalhekk, ma hemmx dubbju li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet lill-appellanti ħatja skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tagħha;

Jibqa' għalhekk il-kwistjoni tal-piena. L-Ewwel Qorti applikat il-piena skond il-Kap. 104 fil-minimu tagħha. Skond l-artikolu 3 (2B) ta' l-imsemmi Kap. 104, il-Qorti la tista' tapplika d-disposizzjonijiet tal-Kap. 152 u anqas tinżel taħt il-minimu b'applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali. Mill-banda l-oħra, kif tajjeb osservat l-appellanti fir-rikors tagħha, is-subartikolu (2A) ta' l-imsemmi artikolu 3 jippermetti lill-Qorti li "għal raġunijiet speċjali" tapplika perijodu ta' skwalifika anqas minn dak tassattivament stabbilit bil-liġi - tnax-il xahar - jew addirittura ma tapplikax tali skwalifika. Din il-Qorti ma tistax tqis bħala raġuni speċjali t-traskuraġni ta' dak li jkun jew l-injoranza tiegħu tal-liġi f'materja penali;

Għall-motivi premessi, din il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Il-perijodu ta' skwalifika jibda jiddekorri minn nofs il-lejl u minuta ta' għada. U wara li rat l-artikolu 14 (2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tawtorizza lill-appellanti li tħallas il-multa inflitta f'rati ta' mhux anqas minn ħamsin lira (Lm50) fix-xahar, bl-ewwel pagament dovut mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa l-1 ta' Awissu, 1997 u bid-dekadenza mill-benefiċċju tal-ħlas rateali anke fin-nuqqas ta' pagament wieħed biss.